Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,619, 22 ta' Mejju, 1998
Taqsima B

A.L. 137 ta' l-1998

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Regolamenti ta' l-1998 tal-Kors għall-Grad ta' Doctor of Medicine and Surgery - M.D.

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 30 (5) u 31 (6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Universita' ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Universita' ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 31 u 35 ta' dak l-Att:

Titolu u interpretazzjoni

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1998 tal-Kors għall-Grad ta' Doctor of Medicine and Surgery - M.D.

(2) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra -

"il-Bord" ifisser il-Bord tal-Fakulta' tal-Mediċina u l-Kirurġija;

"il-Grad" ifisser il-Grad ta' Doctor of Medicine and Surgery - M.D.; u

"il-Kors" ifisser il-Kors li jwassal għall-Grad.

Applikabilita'

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li bdew f'Ottubru 1997 jew wara.

Eliġibilita' għall-Grad

3. Biex ikunu eliġibbli għall-għoti tal-Grad, l-istudenti jridu jkunu:

(a) irreġistrati bħala studenti regolari fil-Kors skond ir-Regolamenti għad-Dħul ta' l-Universita';

(b) issodisfaw ir-Rekwiżiti Speċjali għall-Kors skond ir-regolament 4;

(ċ) temmew il-kors ta' l-istudji, ikkwalifikaw fl-eżamijiet u issodisfaw kull rekwiżit ieħor kif preskritt f'dawn ir-regolamenti; u

(d) issodisfaw ir-rekwiżiti l-oħra kollha preskritti fi statuti, regolamenti u ordinamenti oħra rilevanti ta' l-Universita'.

Id-Dħul u r-Rekwiżiti Speċjali għall-Kors

4. (1) Is-Senat, fuq il-parir tal-Bord, jista' jillimita n-numru ta' l-istudenti li jistgħu jidħlu fil-Kors. Is-Senat għandu jagħmel regolamenti għall-għażla ta' l-applikanti għad-dħul.

(2) Biex japplikaw għad-dħul fil-Kors il-kandidati għandhom, barra li jissodisfaw ir-rekwiżiti għad-dħul bħala studenti regolari skond ir-Regolamenti għad-Dħul, jissodisfaw ir-Rekwiżiti Speċjali għall-Kors li ġejjin:

(a) **għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 1997, 1998 u 1999:**

(i) għaddew bi Grad Ċ jew aħjar fil-Livell Avanzat fil-Kimika u fil-Bijoloġija; u

(ii) għaddew bi Grad Ċ jew aħjar fil-Livell Intermedju f'wieħed minn dawn is-suġġetti: il-Fiżika, il-Matematika, il-*Computing*, it-Teknoloġija ta' l-Informazzjoni, l-Ingliż, il-Filosofija

fl-Eżami għaċ-Ċertifikat tal-Matrikola ta' l-Universita', jew f'livelli li jikkorrispondu ta' eżamijiet oħra rikonoxxuti mis-Senat għall-għan tar-Regolamenti għad-Dħul.

(b) **għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2000 jew wara:**

(i) għaddew bi Grad Ċ jew aħjar fil-Livell Avanzat fil-Kimika u fil-Bijoloġija; u

(ii) għaddew bi Grad Ċ jew aħjar fil-Livell Intermedju fi kwalunkwe suġġett, ħlief fix-Xjenza Ambjentali

fl-Eżami għaċ-Ċertifikat tal-Matrikola ta' l-Universita', jew fl-livelli li jikkorrispondu ta' eżamijiet oħra rikonoxxuti mis-Senat għall-għan tar-Regolamenti għad-Dħul.

It-Tul tal-Kors

5. (1) Il-Kors għandu jinfirex fuq perijodu ta' ħames snin u għandu jinqasam f'żewġ partijiet: il-Kors Intermedju li jieħu sentejn u l-Kors Finali li jieħu tlett snin.

(2) Ħlief bil-permess tal-Bord, l-istudenti għandhom isegwu l-Kors mid-dħul fil-Kors Intermedju sa l-Eżami Finali mingħajr interruzzjoni jew ripetizzjoni. Permess biex jinterrompu jew jirrepetu sena normalment m'għandux jingħata aktar minn darba, ħlief bil-permess tas-Senat mogħti għal raġunijiet speċjali.

Is-Suġġetti tal-Kors

6. Is-suġġetti mgħallma fil-Kors Intermedju għandhom ikunu dawn li ġejjin:

L-Ewwel Sena

L-Anatomija u l-Bijoloġija taċ-Ċelluli
Il-Fiżjoloġija, il-Biokimika u l-Bijoloġija Molekulari

It-Tieni Sena

L-Anatomija u l-Bijoloġija taċ-Ċelluli
Il-Fiżjoloġija, il-Biokimika u l-Bijoloġija Molekulari

It-Tieni Sena - it-Tieni Semestru

Il-Patoloġija Ġenerali u l-Mikrobijoloġija
Il-Farmakoloġija Ġenerali
Behavioural Sciences.

7. Is-suġġetti mgħallma fil-Kors Finali għandhom ikunu dawn li ġejjin:

L-Ewwel Sena

Il-Patoloġija
Il-Mediċina (li tinkludi l-Farmakoloġija Klinika)

Il-Kirurġija (li tinkludi l-Ortopedika)

It-Tieni Sena
Il-Patoloġija
Il-Mediċina (li tinkludi l-Farmakoloġija Klinika)
Il-Kirurġija (li tinkludi l-Ortopedika)
L-Ostetriċja u l-Ġinekoloġija
Il-Pedjatrija
Is-Saħħa Pubblika
Id-Dermatoloġija
L-Oftalmoloġija
ENT
L-Anestesija
Il-Mediċina Forensika

It-Tielet Sena
Il-Mediċina (li tinkludi l-Pedjatrija)
Il-Kirurġija (li tinkludi l-Ortopedika)
L-Ostetriċja u l-Ġinekoloġija
Il-Psikjatrija.

8. Xogħol prattiku u kliniku għandu jsir matul il-Kors, anki barra ż-żminijiet normali tat-tagħlim.

Testijiet ta' Progress

9. (1) Matul il-Kors, Testijiet ta' Progress għandhom isiru fis-suġġetti li t-tagħlim tagħhom jinfirex fuq aktar minn sena akkademika.

(2) It-Testijiet ta' Progress għandhom isiru kif ġej:

(a) fil-Kors Intermedju:

fi tmiem l-Ewwel Sena f' :
L-Anatomija u l-Bijoloġija taċ-Ċelluli
Il-Fiżjoloġija, il-Biokimika u l-Bijoloġija Molekulari

fi tmiem it-Tieni Sena f' :

Il-Patoloġija Ġenerali u l-Mikrobijoloġija
Il-Farmakoloġija Ġenerali
Behavioural Sciences

(b) fil-Kors Finali:

fi tmiem l-Ewwel Sena f' :

Il-Patoloġija
Il-Mediċina (li tinkludi l-Farmakoloġija Klinika)
Il-Kirurġija

fi tmiem it-Tieni Sena f' :

Il-Mediċina (li tinkludi l-Farmakoloġija Klinika u n-Newroloġija)
Il-Kirurġija (li tinkludi l-Ortopedika)
L-Ostetriċja u l-Ġinekoloġija.

(3) It-Testijiet ta' Progress għandhom isiru f'Jannar u f'Mejju/Ġunju. Sessjoni riparatorja għandha ssir f'Settembru.

(4) Ir-riżultati tat-Testijiet ta' Progress f'kull suġġett għandhom ikunu ppublikati skond il-gradi li ġejjin f'ordni li jibda mill-ogħla mertu: A, B, Ċ u D. L-istudenti li l-isimhom ma jidhirx fuq il-lista għandhom ikunu kkunsidrati li weħlu mit-Test ta' Progress fis-suġġett konċernat.

(5) L-istudenti ma jitħallewx ikomplu għas-sena ta' wara tal-Kors jekk il-Bord, wara r-riżultati tat-Testijiet ta' Progress, ma jkunx sodisfatt li huma segwew is-sena bi profitt.

(6) L-istudenti li jeħlu f'xi Test ta' Progress fis-sessjoni riparatorja m'għandhomx jitħallew ikomplu għas-sena ta' wara tal-Kors iżda jistgħu jitħallew mill-Bord jirrepetu s-sena.

L-Eżami Intermedju

10. (1) L-Eżami Intermedju għandu jsir fit-tmiem tat-tieni sena tal-Kors Intermedju.

(2) Għandu jkun hemm sessjoni riparatorja tal-Eżami Intermedju f'Settembru għall-istudenti li jeħlu f'xi suġġett.

(3) L-Eżami Intermedju għandu jsir fl-Anatomija u l-Bijoloġija taċ-Ċelluli, u fil-Fiżjoloġija, il-Biokimika u l-Bijoloġija Molekulari.

(4) L-eżami fl-Anatomija u l-Bijoloġija taċ-Ċelluli għandu jkun magħmul minn żewġ karti ta' tliet sigħat-il waħda u minn sessjoni prattika. L-eżami fil-Fiżjoloġija, il-Biokimika u l-Bijoloġija Molekulari għandu jkun magħmul minn tliet karti ta' tliet sigħat-il waħda u minn proġett tal-librerija.

(5) L-istudenti jistgħu jkunu meħtieġa jagħmlu wkoll eżami *viva voce* f'dawn is-suġġetti.

(6) Qabel ma jitħallew joqogħdu għall-Eżami Intermedju, l-istudenti għandhom jippreżentaw lid-Dekan ċertifikat, iffirmat mill-kapijiet tad-dipartiment konċernati, li juri li huma temmew b'mod sodisfaċenti x-xogħol kollu assenjat fis-suġġetti konċernati.

Ir-Riżultat

11. (1) L-ismijiet tal-istudenti li għaddew f'kull suġġett tal-Eżami Intermedju għandhom ikunu ppublikati f'lista f'ordni alfabetiku skond il-gradi li ġejjin li jibdew mill-ogħla mertu: A, B, Ċ u D. L-istudenti li isimhom ma jidhirx fuq il-lista għandhom ikunu kkunsidrati li weħlu mill-eżami fis-suġġett konċernat.

(2) Ir-riżultat tal-eżami f'kull suġġett għandu jqis il-partijiet kollha tal-eżami f'dak is-suġġett.

(3) L-istudenti li ma jgħaddux mill-Eżami Intermedju fis-sessjonijiet preskritti fil-paragrafi (1) u (2) tar-regolament 10 jkunu meqjusa li weħlu fl-Eżami Intermedju kollu.

(4) L-istudenti li jeħlu fl-Eżami Intermedju ma jitħallewx ikomplu għas-sena ta' wara tal-Kors iżda jistgħu jitħallew mill-Bord jirrepetu t-tieni sena tal-Kors Intermedju. L-istudenti ma jitħallewx jirrepetu l-Eżami Intermedju b'dan il-mod iżjed minn darba.

Id-Dħul fil-Kors Finali

12. Qabel ma jidħlu fil-Kors Finali, l-istudenti għandhom jgħaddu mill-Eżami Intermedju, jew ikunu eżentati minnu mis-Senat, li jaġixxi fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord.

It-Testijiet tas-Suġġett fil-Kors Finali

13. (1) Matul il-Kors Finali, Testijiet tas-Suġġett għandhom isiru fis-suġġetti li ġejjin:

Is-Saħħa Pubblika	Id-Dermatoloġija
Il-Mediċina Forensika	L-Oftalmoloġija
Il-Pedjatrija	ENT
Il-Psikjatrija	L-Anestesija.

(2) Sessjoni riparatorja għandha issir għall-istudenti li jeħlu t'Test tas-Suġġett.

(3) L-ismijiet tal-istudenti li jgħaddu fit-Testijiet tas-Suġġett f'kull suġġett imniżżel fil-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament għandhom ikunu ppublikati f'lista f'ordni alfabetiku skond il-gradi li ġejjin li jibdew mill-ogħla mertu: A, B, Ċ u D. L-istudenti li l-isimhom ma jidhirx fuq il-lista għandhom ikunu kkunsidrati li weħlu fit-Test tas-Suġġett konċernat.

(4) Ir-riżultat ta' kull suġġett għandu jqis ix-xogħol tal-istudent fis-suġġett matul il-Kors.

(5) L-istudenti ma jitħallewx ikomplu għas-sena ta' wara tal-Kors jekk ma jgħaddux kull Test tas-Suġġett preskritt għal dik is-sena.

(6) L-istudenti li jeħlu f'xi Test tas-Suġġett fis-sessjoni riparatorja jistgħu jitħallew mill-Bord jirrepetu s-sena.

L-Eżami fil-Patoloġija

14. (1) Għandu jsir eżami fil-Patoloġija, f'Ġunju, fi tmiem it-tieni sena tal-Kors Finali.

(2) Għandu jkun hemm sessjoni riparatorja tal-eżami fil-Patoloġija f'Settembru għall-istudenti li jeħlu.

(3) L-eżami għandu jkun magħmul minn żewġ karti ta' tliet siegħat-il waħda u minn sessjoni prattika.

(4) L-istudenti jistgħu jkunu meħtieġa jagħmlu wkoll eżami *viva voce*.

(5) Qabel ma jitħallew joqogħdu għall-eżami, l-istudenti għandhom jippreżentaw lid-Dekan ċertifikat, iffirmat mill-Kap tad-Dipartiment tal-Patoloġija, li juri li huma temmew b'mod sodisfaċenti l-iskeda tax-xogħol prattiku fis-suġġett.

Ir-Riżultat

15. (1) L-ismijiet tal-istudenti li jgħaddu mill-eżami fil-Patoloġija għandhom ikunu ppublikati f'lista f'ordni alfabetiku skond il-gradi li ġejjin li jibdew mill-ogħla mertu: A, B, Ċ u D. Livell eċċezzjonali jkun indikat fil-lista. L-istudenti li isimhom ma jidhirx fuq il-lista għandhom ikunu kkunsidrati bħala li weħlu mill-eżami.

(2) Ir-riżultat għandu jqis il-partijiet kollha tal-eżami fis-suġġett.

(3) L-istudenti li ma jgħaddux mill-eżami fil-Patoloġija fis-sessjonijiet preskritti fil-paragrafi (1) u (2) tar-regolament 14 m'għandhomx jitħallew ikomplu għat-tielet sena tal-Kors Finali. Dawn l-istudenti jistgħu jitħallew mill-Bord jirrepetu s-sena fl-ewwel okkażjoni.

L-Eżami Finali

16. (1) L-Eżami Finali għandu jsir f'Ġunju tat-tielet sena tal-Kors Finali.

(2) Għandu jkun hemm sessjoni riparatorja tal-Eżami Finali f'Settembru għall-istudenti li jeħlu f'suġġett wieħed biss, u f'Jannar ta' wara għall-istudenti li jeħlu f'aktar minn suġġett wieħed.

(3) L-Eżami Finali għandu jsir fis-suġġetti li ġejjin:

Il-Mediċina (li tinkludi l-Pedjatrija)
Il-Kirurġija
L-Ostetriċja u l-Ġinekoloġija.

(4) L-eżami f'kull suġġett preskritt fil-paragrafu (3) ta' dan ir-regolament għandu jkun magħmul minn żewġ karti ta' tliet siegħat-il waħda u minn sessjoni klinika.

(5) L-istudenti jistgħu jkunu meħtieġa jagħmlu wkoll eżami *viva voce* f'dawn is-suġġetti.

(6) Qabel ma jitħallew joqogħdu għall-Eżami Finali, l-istudenti għandhom jippreżentaw lid-Dekan ċertifikat, iffirmat mill-kapijiet tad-dipartiment konċernati, li juri li huma temmew b'mod sodisfaċenti l-iskeda tax-xogħol kliniku preskritta għall-Kors.

Ir-Riżultat

17. (1) L-ismijiet tal-istudenti li għaddew f'kull suġġett tal-Eżami Finali għandhom ikunu ppublikati f'lista f'ordni alfabetiku skond il-gradi li ġejjin li jibdew mill-ogħla mertu: A, B, Ċ u D.

(2) L-ismijiet tal-istudenti li għaddew mill-Eżami Finali fl-ewwel sessjoni għandhom ikunu ppublikati f'lista oħra f'ordni alfabetiku fil-kategoriji li ġejjin:

Għadda b'Distinzjoni
Għadda.

Livell eċċezzjonali f'suġġett ikun indikat fil-lista.

(3) L-ismijiet tal-istudenti li jgħaddu mill-eżami fis-sessjonijiet kif prekritti fil-paragrafu (2) tar-regolament 16 għandhom ikunu ppublikati f'lista sempliċi ta' kull min għadda f'ordni alfabetiku.

(4) Ir-riżultat tal-Eżami Finali għandu jqis il-partijiet kollha tal-eżami fit-tliet suġġetti kif preskritt fil-paragrafu (3) tar-regolament 16, ir-riżultat tal-eżami fil-Patoloġija, kif ukoll ix-xogħol tal-istudenti matul il-Kors Finali.

Riferiment u Dħul mill-Ġdid

18. (1) Għandha tkun ippublikata wkoll lista bl-ismijiet tal-istudenti li jkunu riferuti f'xi suġġett/i kif ukoll is-suġġett/i li fihom ikunu riferuti.

(2) L-istudenti li jkunu riferuti f'xi suġġett/i jistgħu joqogħdu għas-sessjoni riparatorja f'dak is-suġġett jew f'dawk is-suġġetti kif preskritt fil-paragrafu (2) tar-regolament 16. Jekk jgħaddu, isimhom għandu jkun imniżżel fil-lista ta' dawk li għaddew mill-Eżami Finali. Jekk jeħlu, huma jkunu meqjusa li weħlu fl-Eżami Finali kollu.

19. L-istudenti ma jitħallewx jerġgħu joqogħdu għall-Eżami Finali, kollu jew parti minnu, jekk ma jkunux segwew b'mod sodisfaċenti dawk il-korsijiet ta' studju u/jew xogħol prattiku u/jew xogħol kliniku li l-Bord jista' jiddetermina f'kull każ.

20. L-istudenti li ma jgħaddux mill-Eżami Finali fiż-żewġ sessjonijiet kif preskritti fil-paragrafi (1) u (2) tar-regolament 16 jistgħu jitħallew mill-Bord jerġgħu jidħlu fit-tielet sena tal-Kors Finali fl-okkażjoni li jmiss u li jersqu għall-Eżami Finali mill-ġdid fit-tmiem ta' dak il-kors taħt dawk il-kundizzjonijiet li l-Bord jista' jiddetermina f'kull każ. Dawn l-istudenti ma jikkwalifikawx għal 'Għadda b'Distinzjoni'.

21. L-istudenti ma jitħallewx joqogħdu għall-Eżami Finali skond ir-regolament 20 iżjed minn darba.